



Brussell, 22 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13130/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0308(NLE)**

**ACP 99
FIN 815
PTOM 27**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12533/21 + ADD 1 - COM(2021) 605 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond li jinkludi l-limitu massimu għall-2023, l-ammont annwali għall-2022, l-ammont tal-ewwel ħlas parzjali għall-2022 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025 - Adozzjoni

1. Fl-4 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond li jispeċifika l-limitu massimu għall-2023, l-ammont annwali għall-2022, l-ammont tal-ewwel ħlas parzjali għall-2022 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025¹.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u laħaq qbil fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fl-14 ta' Ottubru 2021.

¹ 12533/21 + ADD 1.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu:

- jadotta d-Deċiżjoni, kif tinsab fid-dokument 12878/21, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, billi jaġixxi skont il-maġġoranza kwalifikata prevista fl-Artikolu 8 tal-Ftehim Intern applikabbli għall-11-il FEŻ²;
- jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

² ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.